MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Seduta tat-28 ta' Awwissu 2015**

**Kumpilazzjoni numru: 705/15**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Eliseo Carrillo Montoro**
**(Karta tal-identita` Taljana AS1487470)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Eliseo Carrillo Montoro** talli:

1. Fit-22 ta' Awwissu 2015 ghall-habta ta' bejn il-11:30hrs minn gewwa il-hanut bl-isem ta' Eros Stationery li jinsab fi Triq il-Wilga Paceville San Giljan ikkommetta serq ta' 2515 Euro fi flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur u dan ghad-detriment ta' John Attard Kingswell u/jew persuna/i ohra - Artikoli 261(a)(c), 262(1)(b), 267, 275, 280(2) tal-Kap 9.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew

issekwestra lil John Attard Kingswell kontra l-volonta` tieghu - Artikolu 86 tal-Kap 9.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari - Artikolu 51 Kap 480.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, kellu fil-pussess tieghu sikkina minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija - Artikolu 23 Kap 480.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u wara li l-Qorti qieset il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni, jirrizultalha illi l-imputazzjonijiet huma sodisfacjentement ippruvati.

Fir-rigward ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serjissima tar-reati u wkoll il-fatt illi l-imputat kien ilu biss gurnata hawn Malta qabel ma wettaq ir-reati in dizamina u li l-flus li akkwista bis-serqa in kwistjoni nefaqhom kollha fil-*Casino*. Illi mill-istqarrija tieghu jirrizulta wkoll illi huwa dizokkupat u ghalhekk ftit hemm tama li l-vittma tista' tinghata lura dak misruq lilha.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 86, 261 (a) u (c), 262 (1) (b), 267, 275, 280 (2), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta u artikoli 3, 6, u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Eliseo Carrillo Montoro** hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qieghdha **tikkundannah ghal piena komplessiva ta' erba' (4) snin prigunerija u ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).**

In oltre, peress illi jidhrilha li huwa xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` John Attard Kingswell, il-Qorti qed torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta` elfejn Euro (€2000) ghal zmien sena minn meta l-piena imsemmija hawn fuq tigi skontata, u dana ai termini ta` l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta, il-Qorti qieghdha wkoll tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-kors tal-Inkjesta Magisterjali relatata ma' dan l-incident, liema spejjez ghadhom iridu jigu kwantifikati u ghandhom jithallsu hekk kif appena hu jigi notifikat bihom.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Qrati Kriminali sabiex ikun fi grad li jigbor l-ispejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna wkoll notifika ta' din is-sentenza lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni sabiex, jekk ikun il-kaz, jiehu dawk il-passi kollha necessarji ai termini tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti tordna li, ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dan il-proceditment u kopja ta' din is-Sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registrar**